MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2009

Numru 1146/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Raymond Aquilina**
**Spettur Bernard Spiteri**

**vs**

**Abdella A. Mohammed El Sharkassi**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Abdella A. Mohammed El Sharkassi ta' 31 sena iben Ali u Mabruka nee' Busnina imwieled Benghasi, Libya fit-3 ta' Marzu, 1978 u residenti No. 6 Isma Hadek, Benghasi, Tripoli u f' Malta Flat Nru. *Mhux maghruf* , Triq il-Gzira, Gzira u detentur ta' Passaport Libjan 367170

mahrug Benghasi nhar l-14 ta' Gunju 2007 gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fl-20 ta' Novembru ghall-habta ta' 05.45 a.m. fit-Triq li minn Triq Regionali taghti ghal Triq Santu Wistin, Paceville limiti ta' San Giljan:

a. Bil-hsieb li jaghmel delitt cioe, bil-vjolenza jikkommetti stupru fuq il-persuna ta' omissis ta' sess femminili ta' nazzjonalita' Germaniza, wera dan il-hsieb b' atti esterni u ta' bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tal-hati jew inkella minhabba l-mezzi qarrieqa li l-hati jkun inqeda bihom;

b. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi bla ordni skond il-Ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmijin omissis kontra l-volonta' taghha, liema delitt sar bhala mezz sabiex hija tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

c. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi ikkommetta attentat vjolent ghal pudur fuq l-istess imsemmija persuna u cioe' omissis.

d. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi gab ruhu b' tali mod li ta' fastidju lil persuna omissis u xi persuni ohra u b' mod li jkun jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta' fastidju ghal persuna imsemmija u/jew persuni ohra;

e. Fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi offenda il-pudur jew il-morali b' eghmil li sar f' lok pubbliku jew f' lok espost ghall-pubbliku.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmija omissis u l-familja taghha, minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidrilha li huma xierqa;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li f' kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz in-nota tal-Avukat Generali datata 14 ta' Jannar 2009 (esebita a fol. 78 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub ;

a) Fl-artikoli 41 (1) (a), 198, 201(b) u 206 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

b) Fl-artikoli 86 u 87 (1) (g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

c) Fl-artikoli 207 u 201(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

d) Fl-artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

e) Fl-artikoli 17, 31, 412C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2009 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tal-5 ta' Frar 2009 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu

zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-istess imputat il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta tal-istess imputat izda anki l-gravita' tar-reati li taghhom l-imputat qed jinsab hati u jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva. Il-Qorti izda jidrilha li t-tieni, it-tielet u r-raba' akkuza kienu mezz ghal fini tal-ewwel akkuza u ghalhekk ser jigi applikat l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31,41(1)(a),86, 87, 198, 201(b), 202(a), 206, 207u 209 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn (2) prigunerija mill-liema perjodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkuzat misjub hati bir-ristrizzjonijiet kollha indikati fl-Artikolu 412C(3)(a)(b) u (c).

Il-Qorti inoltre tordna id-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-vittma fi kwalunkwe mezz ta' telekomunikazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------